



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0254(COD)

6748/1/20
REV 1 ADD 1

POLMIL 24
COMPET 113
RECH 96
CFSP/PESC 229
CSDP/PSDC 141
COPS 80
EUMC 41
ECOFIN 180
IND 31
MI 70
EMPL 120
EDUC 95
CADREFIN 31
CODEC 175
PARLNAT 151

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża¹ (il-"Fond").
2. Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta Approċċ Ġenerali parzjali² dwar il-proposta, wara li ħalla d-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet għal kwistjonijiet baġitarji f'parentesi peress li kienu jeħtieġu t-tlestija tan-negożjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 biex il-Kunsill ikun jista' jistabbilixxi l-pożizzjoni tiegħu. Id-dispożizzjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi li għandhom jitqiesu bħala pajjiżi assoċjati fi ħdan il-Fond (Artikolu 5) tpoġġew ukoll f'parentesi u tħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' negozjar tal-Kunsill.
3. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport tiegħu fil-livell ta' Kumitat fil-21 ta' Novembru 2018³. Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Plenarja adottat ir-rapport u b'hekk ipprovdiet il-mandat biex jinbdew negozjati mal-Kunsill.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu⁴ fit-12 ta' Diċembru 2018.
5. Wara t-trilogi fis-16 ta' Jannar u l-5 ta' Frar 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu fehim komprensiv komuni dwar il-proposta fid-19 ta' Frar 2019, li jeskludi d-dispożizzjonijiet fil-parentesi msemmija fil-punt 2.
6. Fis-27 ta' Frar 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħa nota tar-rapport ta' progress li jirrifletti l-fehim komuni⁵, u b'hekk irrikonoxxa li n-negożjati ser jissoktaw mal-Parlament Ewropew ladarba l-Kunsill ikollu mandat dwar l-elementi kollha tal-proposta.
7. Abbażi tal-fehim komuni, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-18 ta' April 2019⁶.

¹ dok. 10084/18 + ADD 1.

² dok. 14094/1/18 REV 1.

³ P8_TA(2018)0516, il-kumitat responsabbli: il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), rapporteur is-Sur Ździsław Krasnodębski; is-Sur David McAllister (AFET) bħala ko-rapporteur.

⁴ CCMI/162-EESC-2018.

⁵ dok. 6733/1/19 REV 1.

⁶ EP-PE_TC1-COD(2018)0254.

8. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Lulju 2020⁷, il-Kunsill Ewropew ipprova gwida orizzontali fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta mandat⁸ lill-Presidenza fit-30 ta' Settembru 2020 biex tissokta n-negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar it-test kollu.
9. Wara trilogu fit-30 ta' Novembru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitati mill-Kummissjoni Ewropea, laħqu qbil politiku proviżorju dwar test ta' kompromess finali fl-14 ta' Diċembru 2020. Dan il-qbil ġie approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-18 ta' Diċembru 2020⁹ u mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) tal-Parlament Ewropew fl-14 ta' Jannar 2021.
10. Fil-21 ta' Jannar, il-President tal-Kumitat ITRE baġhat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula matul it-trilogi lill-Parlament Ewropew, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja, soġġett għal verifika mill-ġuristi-lingwisti, li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

II. OBJETTIV

11. L-oġġettiv ġenerali tal-Fond huwa li jrawwem il-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) billi jappoġġa azzjonijiet kollaborattivi u kooperazzjoni transfruntiera bejn l-entitajiet legali fl-Unjoni kollha kif ukoll billi jsaħħaħ u jtejjeb l-aġilità kemm tal-provvista tad-difiża kif ukoll tal-ktajjen tal-valur, iwessa' l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-entitajiet legali u jrawwem l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

⁷ dok. 00010/20.

⁸ dok. 11394/20.

⁹ dok. 14285/20.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Osservazzjonijiet ġenerali

12. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil bikri fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament Ewropew seta' japprovaha kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq bejn il-koleġislaturi.
13. *Entitajiet eliġibbli*: Il-Kunsill jaqbel mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-entitajiet eliġibbli, li huma bbażati fuq il-proposta inizjali mill-Kummissjoni Ewropea.
14. *Azzjonijiet eliġibbli*: Il-Kunsill jappoġġa l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari dwar azzjonijiet eliġibbli u jaqbel li mill-inqas 4 % u sa 8 % tal-pakkett finanzjarju għandhom jiġu allokat i għal sejħiet għal proposti jew għotjiet ta' finanzjament li jappoġġaw teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża, li jimmarka żieda fir-rigward tal-limitu massimu ta' 5 % propost inizjalment mill-Kummissjoni Ewropea.
15. *Etika*: Il-Kunsill jappoġġa l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari li l-azzjonijiet għall-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji li l-użu, l-iżvilupp jew il-produzzjoni tagħhom hi pprojbita bil-liġi internazzjonali applikabbli mhumieħ eliġibbli għal appoġġ mill-Fond. Il-Kunsill jaqbel ukoll mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari fir-rigward tal-ineliġibbiltà ta' attivitajiet immirati lejn l-iżvilupp ta' armi awtonomi letali, li tmur lil hinn mill-proposta inizjali mill-Kummissjoni Ewropea.
16. *Governanza*: Il-Kunsill jappoġġa l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari li s-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma u l-għoti ta' finanzjament għal azzjonijiet magħżula ta' riċerka u żvilupp. Għall-adozzjoni ta' tali atti ta' implimentazzjoni ser tintuża l-proċedura ta' eżami, li abbażi tagħha l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni ma jistax jiġi adottat fejn ma tingħata l-ebda opinjoni mill-Kumitat tal-Programm. Il-Fond ser jiġi implimentat b'għestjoni diretta, iżda, permezz ta' deroga f'każijiet ġustifikati, jistgħu jiġu implimentati azzjonijiet speċifiċi b'għestjoni indiretta min-naħa tal-korpi msemmijin fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju; madankollu, tali deroga mhux ser tkopri l-proċedura tal-għażla u tal-għoti.

17. *Koerenza*: Il-Kunsill jappoġġa l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari li, f'konformità mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea, tipprevedi rata ogħla ta' finanzjament ta' għaxar punti perċentwali addizzjonali għal azzjonijiet żviluppati fil-kuntest tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO).

Osservazzjonijiet speċifiċi

18. Fl-aħħar trilogu fl-14 ta' Diċembru 2020, il-koleġiżlaturi rnexxielhom jilhqg kompromess dwar il-kwistjonijiet li ġejjin.
19. *Tul ta' żmien*: Il-koleġiżlaturi qablu dwar it-tul ta' żmien tal-Fond. L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-Fond għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027, f'allinjament mat-tul ta' żmien tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.
20. *Pakkett finanzjarju*: F'konformità mal-Programm Qafas Orizzont Ewropa, il-koleġiżlaturi qablu wkoll dwar pakkett finanzjarju globali ta' EUR 7 953 000 000 bi prezzijiet attwali għall-Fond. Id-distribuzzjoni ta' dan il-pakkett finanzjarju globali għal azzjonijiet ta' "riċerka" u "żvilupp" tibqa' proporzjonata għal dik li tinsab fil-proposta inizjali mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ma tinkludix "klawżola riċeventi" li kienet tippermetti lill-Istati Membri jitolbu t-trasferiment fil-Fond ta' riżorsi allokat li lilhom taħt ġestjoni kondiviża, fejn dan ikun possibbli għall-benefiċċju tagħhom stess. Il-Kunsill qabel li ma jinkludix tali klawżola b'reazzjoni għat-tħassib etiku u prattiku mqajjem mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea, rispettivament.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-għan ta' 30 % tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 għall-integrazzjoni tan-nefqa fuq il-klima fil-programmi kollha tal-UE. Tinkludi wkoll dispożizzjoni dwar l-integrazzjoni tal-azzjoni dwar il-bijodiversità.

21. *Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi*: Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwar il-proposta inizjali mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-"pajjiżi assoċjati". L-Artikolu 5 tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jiftaħ il-Fond għall-parteċipazzjoni tal-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-EFTA) li huma membri fiż-Żona Ekonomika Ewropea (iż-ŻEE), skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ŻEE.

IV. KONKLUŻJONI

22. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess milħuq fin-negozjati bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, iffaċilitati mill-Kummissjoni.
23. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova din id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, u
 - jibgħat din id-dikjarazzjoni lill-Parlament Ewropew.
24. Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew tal-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari, li tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża ser jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.
-